MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 328/2004

Lombard Bank Malta p.l.c.
vs
Henry u Maria Carmela sive Carmen konjugi Montebello

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Peress illi l-Bank attur permezz ta' kuntratt, fl-atti tan-Nutar Antoine Agius li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Awissu elfejn u tnejn (2002) li kopja legali tieghu giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok 'A', kien ikkonceda lill-konvenuti Henry u Maria Carmela sive Carmen konjugi Montebello facilita` ta' "overdraft" u in forza ta' din il-facilita` l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' sitta u erbghin elf, seba' mija disgha u tmenin liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm46,789.57) skond "statement" prezentat

mac-citazzjoni u mmarkat Dok “B” bl-interessi kalkolati sat-tletin (30) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantew il-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu b’mod solidali permezz ta’ ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll b’ ipoteka specjali fuq zewg fondi f’ Main Street, Qormi skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt u dan oltre xi garanziji ohra imsemmija fl-istess kuntratt.

U peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment skond kopja legali ta’ l-ittra ufficjali datata tlieta (3) ta’ Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok “C”, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Il-bank attur talab lill-Qorti biex:

1. Il-konvenuti jigu solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ sitta u erbghin elf, seba’ mija disgha u tmenin liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm46,789.57) skond “statement” prezentat mac-citazzjoni u mmarkat Dok “B” bl-interessi kalkolati sat-tletin (30) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-3 ta’ Frar 2004 u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti Henry u Maria Carmela sive Carmen konjugi Montebello prezentata fit-2 ta' Gunju, 2004.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-talba tal-bank attur tidher gustifikata, u ghalhekk fuq ammissjoni tal-konvenuti l-Qorti tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' sitta u erbghin elf, seba' mija disgha u tmenin liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm46,789.57) bl-interessi kalkolati sat-30 ta' April 2004 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha inkluzi il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar 2004 u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------